# ANTONIO BARLUZZI

Miet, f'Ruma, fl-14 ta' Diċembru tas- sena li għaddiet, 1960, fid-Delegazjoni Franġiskana l-Arkitett li fl-aħħar erbgħin sena, bena għadd ta' knejjes fl-Art Imqaddsa. Dan huwa Antonio Barluzzi. L-istorja ta' ħajtu hija ta' min ikun jafha, u tista' tinġabar fi tliet kelmiet: niket, xogħol, u sabar. Wara xulxin kif inhuma, jew taqlibhom kif trid.

Twieled f'Ruma, fis-sena 1884, u mar l-ewwel skola f'Kulleġġ jgħidulu ta' Santa Marija . Wara daħal fil-Liċew imsemmi "Umberto" u mbagħad, fis-sena 1902, mar jitgħallem fl-università. Fis-sena 1907 ħa l-Lawrja ta' Inġinjier. Ġabruh suldat, kif jagħmlu l-Italja u s-sena tas-servizz tiegħu għaddieha qisha kollha fil-Kastell ta' Sant' Angelo, Ruma, bħala mgħallem fuq it-taħfir għal qdumija li kien qiegħed isir hemm.

Iż-żagħżugħ Antonio ma satax jaħsibha sewwa x'kellu jagħmel, jekk jiżżewweġ jew jidħol qassis, jew jibqa' għażeb sal-mewt. Fetaħ qalbu fuq hekk ma wieħed ħabib tiegħu, li tah ir-raj li jmur Ġerusalem, jgħin lil ħuh, Ġulju Barluzzi, Inġinjier bħalu fil-bini tal-Isptar Taljan. Mar, u dam Ġerusalem sas-sena 1914, meta bdiet l-ewwel Gwerra Kbira, għax malli bdiet, it-Torok, li kienu jaħkmu Ġerusalem dik il-ħabta, bagħtuh lejn pajjiżu malajr.

Fl-Italja, biex jisma' mill-qassis li kien iqerr għandu, daħal is-Seminarju biex jitgħallem għal Saċerdot. Reġgħu ġabruħ suldat, u laħħquh mill-ewwel surġent. Imbagħad laħħquh fizzjal, u bagħtuh fl-uffiċċju tal-Fortifikazzjoni, billi kien Inġinjier. Ma tul daż-żmien, qatt ma ħalla l-Quddiesa u t-Tqarbina ta' kuljum.

F'Mejju tas-sena 1918 bagħtuh jingħaqad mat-Taqsima tal-Qawwiet Taljani li kien hemm il-Palestina, imma l-ġifen li kien sejjer fuqu kien ittorpedinat mill-Ġermaniżi q r i b Malta. Refgħuh mill-baħar l-Ingliżi u wara ftit qabbduh ġifen ieħor u bagħtuh lejn il-Palestina. Niżel il-Palestina, f'Rafa, qrib Għażża, u tala' lejn Ġerusalem biex jieħu sehem fid-daħla l-kbira tal-Qawwiet Allejati fil-Belt Imqaddsa. Il-Gwerra ħdiet fil-11 ta' Novembru u hu baqa' Ġerusalem, il-pajjiż li kien jafu sewwa, għax kien fih qabel.

Fis-sena li qegħdin insemmu, 1918, sar Kustodju tat-Terra Santa il-qalbieni Patri Ferdinandu Diotallevi. Is-sena ta' wara qata' li għandhom jinbnew iż-żewġ Bażilki, tal-Ġetsemni u tat-Tabor. Bagħat għal Inġinjier Barluzzi u ftiehem miegħu biex iħejji l-pjanti, ħalli jfittex jinbeda x-xogħol.

L-Inġinjier ħejjihom il-pjanti, imma għal Bażilka tal-Ġetsemni nqala' l-għawġ. L-ewwel min-naħa tar-Rhieb Griegi Ortodossi, għax qalu li hemm huma wkoll kellhom jedd, u riedu jieħdu sehem fix-xogħol; imbagħad min-naħa tal-Ħakma Ingliża, għax qalu (jew *qal*, għax kif ingħad kien iċ-Chief Secretary Storrs li deherlu hekk) li bil-Bażilka titħassar id-dehra ta' Ġebel iż-Żejtun. Imbagħad biż-żmien u t-talb, u kif ingħad ukoll Ġerusalem dak iż-żmien, bil-għajnuna ta' Sir Harry Luke, li laħaq flok Storrs, u wara ġie Malta) il-għawġ

kien megħlub, u l-Arkitett Barluzzi kellu x-xorti li jara ż-żewġ Bażilki tat-Tabor u tal-Getsemni, imbierka mill-Eminenza Tiegħu Kardinal Giorgi, fis-sena 1924.

Wara dan, għal Barluzzi, ix-xogħol tal-bini, tal-Franġiskani tat-Terra Santa jew ta' ħaddieħor, qatt ma qata'. Fis-sena 1925 bena, għal Franġiskani l-knisja u d-Dejr ta' Eriħa, jew Ġerku; fl-1928-29 bena



*L-Inġinjier Antonio Barluzzi l-aħħar ritratt li ħa qabel mewtu*

qisu mill-ġdid il-knisja tal-Flaġellazzjoni, fil-Pretorju, Ġerusalem. Fl-1933-37, għamel tiswijiet fil-kappella tal-Franġiskani ta' fuq il-Kalvarju. Fl-1938-40, sewwa l-knisja t'isfel u bena mill-ġdid il-knisja ta' fuq, fejn il-Madonna żâret lil santa Liżabetta, fir-raħal, żgħir u sabiħ Għajn Karem.

Mis-sena 1940 sat-48, l-Inġinjier Barluzzi kien l-Italja, għax kellu jitlaq mill-Palestina ħtija tat-Tieni Gwerra Kbîra. Ma' tul daż-żmien għamel xi xogħlijiet ta' bini f'Sardinja, u billi kien jaf li r-Rhieb Franġiskani kienu qegħdin jaħsbu biex jibnu Bażilka kbira f'Nazaret, beda jħejji l-pjanta tagħha. Dak iż-żmien ukoll, bil-għajnuna tal-Arkitett Marangoni u d-Delegat Apostolku Mons. Testa (il-lum Kardinal) ħadem il-pjanta għal bini ta' Bażilka kbira ġdida, flok il-qadima li hemm fuq il-Qabar ta' Kristu.

Fl-1948, raġa' mar il-Palestina u fis-sena ta' wara, 1949, sewwa l-Kjostru, jew bitha qadima, tad-Dejr l-antik ta' Bejt-Leħem. Fl-1952-53, bena l-knisja l-ġdida ta' San Lażżru f'Betanja, u fl-1954, bena l-kappella tar-Rgħajja, qrib bejt-Sahur, ma' ġenb Bejt-Leħem. U f'dak iż-żmien bena wkoll il-knisja ta' *Dominus Flevit*, fejn Ġesù waqaf u beka fuq Ġerusalem, fin-niżla ta' Ġebel iż-Żejtun; u sewwa wkoll il-knisja ta' Bejt-Fâġ.

Barra minn dawn ix-xogħlijiet, l-Inġinjier Barluzzi, bena wkoll fis-sena 1924 l-iskola Taljana tal-bniet f'Eriħa, u fl-1926-28, bena l-isptar Taljan ta' Għamman, it-Transġordanja. Fl-1931-33, bena l-isptar ta' Kerak, Transġordanja wkoll, u fl-1938-39, il-knisja tal-Bejatitudni, fuq għolja, ħada l-Baħar ta' Tabarija. Għas-Santa Sede bena l-Patrijarkat Armen-Kattoliku ta' Bejrut, u knejjes u xogħol ieħor f'Għammân u f'Madaba, Transġordanja. Għal Patrijarkât Latin għamel il-pjanti tal-knejjes ta' Bejt-Sahur, ta' Irbid, u

taż-Żerqa. Fis-sena 1930 ir-Rhieb Karmlitani tawh jibnilhom id-Dejr il-ġdid u jsewwilhom il-knisja. Lir-Raħbiet tal-Qalb ta' Marija bnielhom id-Dejr u sewwa d-Dejr tar-Rhieb Abbissini, qrib mill-Qabar ta' Kristu. Xi xogħlijiet minn dawn għamilhom bi tfixkil kbir, bħal meta bena l-Bażilka tat-Tabor, ħtija tat-toroq ħżiena u nuqqas ta' ilma.

L-Inġinjier Barluzzi kellu ħaġa fix-xogħol tiegħu, li kienet togħġob lil x'uħud u tqnaqal kritika ħarxa u qawwija minn oħrajn; il-knejjes li kien jibni, ma kienx jibnihom kif jitlob dan jew dak l-istil (bħalli kieku stil Biżantin, jew stil Romanesk, jew stil Barokk, eċċ.), imma kif kienet titlob il-ġrajja, jew it-tfakkira tal-ġrajja tal-imkien. Għalhekk il-knisja tal-Ġestemni bniha baxxa u ċċattjata biex tfakkar lil Ġesù magħfus bid-dwejjaq tal-Agonija; il-knisja tar-Rgħajja, qrib Bejt-Lehem, hi għamla ta' għarixa tar-raħħala; il-knisja ta' Tabarija, hi bi tmien imniekeb, biex tfakkar it-tmien Bejatitudni; il-knisja tal-Biki ta' Ġesù, b'erba' qarrabiet; qarraba fuq kull minkeb, bħala *lakrimatorji*, biex tfakkar fid-Dmugħ. U l-Bażilka ta' Nazaret li kien sa jibni hu, kien sa jkun fiha erba' loġoġ kbar, u ġewwa kull loġġa koppla żgħira, li jfissru l-Kelma t'Alla magħluqa fil-Ġuf safi tal-Madonna. Daqs kemm kienet ħarxa l-kritika għal dil-Bażilka ta' Nazaret is-Santa Sede kellha tbiddel il-pjanta tagħha u tqabbad jagħmel pjanta oħra lil Inġinjier Giovanni Muzio.

Antonio Barluzzi kien raġel minn dawn li ngħidulhom qaddis jimxi fl-art. Kien, kull meta jista' jgħix għal żmien twil, bħala Raħeb fid-Dejr tal-Franġiskani. Kien ikellem, bħala ħabib, lil kulħadd, foqra u għonja, ġahlin u għorriefa. Il-għadd kbir ta' dekorazzjonijiet li kellu, m'hux talli qatt ma libishom, talli anqas biss qatt kien isemmihom. Wara x-xogħol il-mogħdija taż-żmien tiegħu kienet tkun dejjem talb, u qari tal-Kotba Mqaddsa. Wara l-għalja li ħâ meta râ li sfatlu fix-xejn ix-xewqa tiegħu li jibni hu l-Bażilka tal-Lunzjata f'Nazaret, waqa' f'marda, u qata' li aħjar għalih li jinġabar u jgħaddi l-aħħar żmien ta' ħajtu fil-Belt Eterna, fejn twieled, Ruma. U hemm radd ruħu lil Mulej, li għalih ħadem dejjem bil-qalb u ħela ħajtu. U kif huwa żejjen bil-knejjes lil Ġerusalem tal-art, hekk ta' min jittâma li issa għedha żżejnu bis-sebħ tagħha Ġerusalem tas-sema!

PACIFKU

# GAĦAN U L-GĦANJA

Wieħed Emîr tal-Għarab, kiteb xegħer (jiġifieri taqbila, bħal għanja) u bagħat għal Ġaħan, biex jisimgħu jaqraha, u jgħidlu x'jidhirlu minnha. L-Emîr qara x-xgħer lil Ġaħan, li semgħu b'dehwa kbira, u meta saqsieh jekk għoġbitux, Ġaħan qallu, bla tlaqliq, li minn għalih ma kienitx tiswa ħabba. Għal dil-kelma, l-Emîr għajjat lill-għases u qabbadhom jieħdu lil Ġaħan il-ħabs, u jagħalquh hemm għal tliet xhûr.

It-tliet xhûr fl-aħħar, għaddew u Ġaħan ħareġ mill-ħabs. Imma xi jumejn wara l-Emîr raġa' bagħat għalih, u raġa' qralu x-xegħer u saqsieh x'kien jidhirlu minnu. Ġaħan, għal dil-mistoqsija, ma kellmu xejn, imma baxxa râsu sal-art, u qabad ħiereġ 'il barra.

"Fejn sejjer, ja iblah?" għajjat l-Emîr. U Ġaħan dar lejh u wieġbu: "Fejn tridni mmur? Sejjer lejn il-ħabs ħalli noqgħod hemm tliet xhur oħra!"